# RAPPORT ANNWALI 2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW DWAR L-AĊĊESS PUBBLIKU GĦAD-DOKUMENTI
# (Regolament (KE) Nru 1049/2001 - Artikolu 17)

**(F'konformità mal-Artikolu 104(7) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament)**

# DAĦLA

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ilhom japplikaw ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti miżmuma minn dawn it-tliet Istituzzjonijiet mit-3 ta' Diċembru 2001[1].

F'konformità mal-Artikolu 17(1) ta' dan ir-Regolament: "*Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifjutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifjuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru.*"

Dan huwa l-11-il rapport maħruġ mill-Parlament f'dan il-kuntest[2]. Dan jipprovdi kemm analiżi teknika tar-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament[3] kif ukoll deskrizzjoni tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti magħmula lill-Parlament Ewropew fl-2012. Ir-rapport jikkummenta wkoll dwar tħassib prattiku mqajjem mit-talbiet irċevuti għal aċċess għad-dokumenti tal-Parlament matul dak il-perjodu. Dejta aggregata dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet u dwar konsultazzjoni tal-websajt tar-reġistru tista' tinstab fl-annessi ta' dan ir-rapport.

**AKRONIMI**

**RER= Reġistru Elettroniku ta' Referenzi (reġistru)**
**CARDOC = Ċentru tal-Arkivji u Dokumentazzjoni tal-Parlament**
**CITES = Servizz tal-Parlament għall-Mistoqsijiet taċ-Ċittadini**
**DĠ KOM = Direttorat għall-Komunikazzjoni tal-Parlament**
**COREPER = Kumitat tal-Kunsill tar-Rappreżentanti Permanenti**
**LIBE = Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern**

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2001:145:0043:0048:EN:PDF
[2] http://www.europarl.europa.eu/RegistreWeb/information/report.htm?language=MT
[3] Teknikament jissejjaħ *reġistru elettroniku ta' referenzi* jew RER, minn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala "r-reġistru".

# WERREJ


**I. SOMMARJU EŻEKUTTIV....................................................4**

**II. IR-REGOLAMENT (KE) NRU 1049/2001 U L-IMPLIMENTAZZJONI TIEGĦU....5**

1. Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001....................................5
2. Regoli tal-Parlament dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-amministrazzjoni tad-dokumenti....................................5

**III. IR-REĠISTRU PUBBLIKU TAD-DOKUMENTI TAL-PARLAMENT....................6**

1. Kontenut tar-reġistru - firxa ta' dokumenti disponibbli....................................6
2. Dokumenti sensittivi....................................7
3. L-użu tal-websajt tar-reġistru....................................7
   3.1. Titjib tekniku tal-websajt tar-reġistru - attwali u futur....................................7
   3.2. Numru ta' żjarat....................................7
   3.3. Osservazzjonijiet oħra dwar iż-żjarat....................................8
   3.4. Dokumenti kkonsultati....................................8

**IV. ANALIŻI TAT-TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI INDIRIZZATI LILL-PARLAMENT....................................9**

1. **Volum u evoluzzjoni tat-talbiet u t-tweġibiet....................................9**
   1.1. Volum totali tat-talbiet....................................9
   1.2. Volum totali tat-tweġibiet....................................10
   1.3. Talbiet għal dokumenti mhux żvelati preċedentement....................................10
   1.4. Suġġett tat-talbiet....................................10
2. **Profil tal-applikanti u l-firxa ġeografika....................................11**
   2.1. Profil tal-applikanti....................................11
   2.2. Firxa ġeografika....................................11
3. **Applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess....................................12**
   3.1. Rata ta' tweġibiet pożittivi....................................12
   3.2. Rifjuti u raġunijiet għalihom....................................12

**V. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW, APPELLI LEGALI U KAŻISTIKA....................................13**

1. Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew....................................13
2. Analiżi ġuridika....................................14
   2. 1. Sentenzi rigward il-Parlament....................................14
   2. 2. Sentenzi rigward Istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea....................................14

**VI. KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI....................................15**

**ANNESS....................................16**

- Statistiki dwar l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet (punti 1-8)....................................16
- Statistiki dwar konsultazzjoni tal-websajt tar-reġistru (punt 9)....................................21

## I. SOMMARJU EŻEKUTTIV

- Bħalissa, ir-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament (teknikament imsejjaħ *reġistru elettroniku ta' referenzi* jew RER) fih 12 % aktar referenzi mill-2011 (463 689 referenza ta' dokumenti jew 3 097 165 dokument meta jitqiesu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha); 90 % jistgħu jitniżżlu direttament mill-websajt tal-Parlament.
- Il-websajt tar-reġistru rat tkabbir ta' 40 % fiż-żjarat (166 104 żjarat, jew medja ta' 13 842 żjara kull xahar) meta mqabbla mal-2011.
- B'mod parallel, ġie nnotat tnaqqis progressiv fit-talbiet għal dokumenti lill-Parlament: matul l-2012 ġew mitluba 777 dokument biss, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 33 % fit-talbiet meta mqabbla mas-sena preċedenti (fl-2011 intalbu 1 161 dokument).
- L-akkademiċi jirrappreżentaw l-akbar proporzjon ta' applikanti, li naqas b'mod konsiderevoli (tnaqqis għal 36 % fl-2012 mill-47 % fl-2011). L-Ingliż huwa l-aktar lingwa użata, segwit mill-Ġermaniż, il-Franċiż u l-Ispanjol. L-applikazzjonijiet mill-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi żdiedu b'mod l-aktar sinifikanti meta mqabbla mas-sena preċedenti. Proporzjon li qed jikber ta' applikanti jippreferu jagħżlu l-kaxxa "Oħrajn" fir-rigward tal-professjoni tagħhom, u b'hekk jipprovdu anqas informazzjoni dwarhom. Din il-kategorija kibret biex tirrappreżenta 'l fuq minn kwart tal-applikanti kollha (27 % meta mqabbla mat-23 % tas-sena preċedenti).
- Il-proporzjon ta' talbiet għal dokumenti mhux żvelati preċedentement (li jeħtieġ eżaminazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) jibqa' xi ftit jew wisq stabbli f'21 % (166 dokument), meta mqabbla mal-25 % fl-2011 (289 dokument). Fl-2012 l-applikazzjonijiet għal aċċess għad-dokumenti li preċedentement ma kinux pubbliċi kkonċernaw l-aktar lid-dokumenti amministrattivi interni tal-Parlament, b'mod partikolari n-noti lill-Bureau.
- Ir-rata ta' tweġibiet pożittivi għal din il-kategorija ta' dokumenti kienet ta' 87 % fl-2012, kważi identika għal dik tal-2011.
- L-applikazzjonijiet għal 22 dokument ġew irrifjutati aċċess totali jew parzjali (8 totali; 14 parzjali), l-aktar fuq il-bażi tal-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu skont l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.
- In-numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji li segwew rifjut inizjali għall-għoti ta' aċċess (l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) kien ta' sitta – tnejn aktar mill-2011.
- Fl-2012, ġie ppreżentat ilment ġdid lill-Ombudsman Ewropew (0262/2012/OV). L-ilmentatur jallega li r-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament ma fihx id-dokumenti parlamentari eżistenti kollha.
- Fl-2012, inqatgħet sentenza mill-Qorti dwar id-deċiżjoni tal-Parlament dwar l-aċċess għad-dokumenti (T-190/10)[4]. Dan il-każ annulla b'mod parzjali d-deċiżjoni tal-Parlament li jirrifjuta aċċess pubbliku għar-reġistri tal-assistenti ta' ex-Membri.

---

[4] Is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2012 fil-Każ T-190/10, *Kathleen Egan u Margaret Hackett vs Il-Parlament Ewropew.*

## II. IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1049/2001 U L-IMPLIMENTAZZJONI TIEGĦU

Fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' Marzu 2011 għall-adattament tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għar-rekwiżiti tat-Trattat ta' Lisbona dwar it-trasparenza, ir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament kienet għaddejja matul l-2012.

### 1. Reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

Fil-15 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu[5] fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2008 għal tfassil mill-ġdid tar-regolament, fuq il-bażi tar-rapport imfassal mill-MPE Michael Cashman, rapporteur għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE). Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Parlament ikkunsidra li l-proċedura dwar il-proposta tal-Kummissjoni tal-2011 skadiet b'riżultat tal-aġir tal-Parlament li jinkludi l-kontenut tal-proposta tal-2011 fil-proċedura għall-proposta tal-2008.

Matul l-ewwel semestru tal-2012, ir-rappreżentanti tal-Parlament u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni ltaqgħu fi trilogu informali mal-Kunsill biex jiddiskutu l-pożizzjoni preliminari tal-Kunsill, approvata mill-COREPER f'Mejju 2012. B'riżultat tat-trilogi u l-laqgħat tekniċi, fi tmiem l-ewwel semestru l-pożizzjonijiet tal-Istituzzjonijiet baqgħu mbiegħda fuq għadd ta' kwistjonijiet sensittivi, pereżempju dwar id-definizzjoni ta' dokument[6] u l-protezzjoni tad-deliberazzjoni interna tal-Istituzzjonijiet ("spazju għall-ħsieb")[7].

Meta r-rapporteur tal-Parlament għarraf lill-Kumitat LIBE fl-20 ta' Settembru 2012 dwar l-istat tal-proċedimenti tad-dossier, il-Presidenza Ċiprijotta affermat mill-ġdid il-ħerqa tagħha li tkompji bid-djalogu mill-qrib mal-Parlament fuq il-bażi tal-progress li sar sa dak iż-żmien. Madankollu, fi tmiem il-mandat tagħha l-Presidenza Ċiprijotta kkonkludiet li ċ-ċirkostanzi ma kinux favorevoli biex jintlaħaq kompromess dwar dan il-fajl.

### 2. Regoli tal-Parlament dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti u l-amministrazzjoni tad-dokumenti.

Id-Deċiżjoni tal-Bureau tat-28 ta' Novembru 2001 li tistabbilixxi regoli interni dwar l-aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew u li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ġiet riveduta u adottata mill-Bureau fit-22 ta' Ġunju 2011[8].

Matul l-2012 dawn ir-regoli ġodda għenu biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif applikabbli għad-dokumenti tal-Parlament, b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni tal-bażi legali xierqa fir-rigward tat-talbiet għal dokumenti introdotti minn uffiċjali tal-UE u/jew MPE, li għalihom ġew ipprovduti proċeduri alternattivi. Dawn ir-regoli għenu wkoll biex titjieb l-amministrazzjoni tat-talbiet, billi ssir differenza bejn it-talbiet għal informazzjoni[9], meta dik l-informazzjoni ma tkunx disponibbli f'dokument eżistenti, u talbiet għal dokumenti, li jippermettu lis-servizz xieraq tal-Parlament biex iwieġeb.

---

[5] P7-TA(2011)0580
[6] L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.
[7] Marbuta mal-Artikolu 4(3) tal-istess Regolament, li jittratta l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni
[8] ĠU C 216, 22.7.2001, p. 19
[9] Dawn it-tipi ta' talbiet fil-prinċipju huma ttrattati mis-servizzi kompetenti u/jew is-Servizz għall-Mistoqsijiet taċ-Ċittadini (CITES)

Matul l-2012 il-Bureau adottata deċiżjoni ġdida dwar l-amministrazzjoni tad-dokumenti[10] li tikkonċerna arranġamenti ġodda għall-amministrazzjoni tad-dokumenti, li jippermettu approċċ aktar ikkoordinat u uniformi mid-diversi servizzi. Xi elementi ewlenin ta' din id-deċiżjoni huma l-ħatra ta' uffiċjal għall-amministrazzjoni tad-dokumenti (RAD) minn kull Direttorat Ġenerali u t-twaqqif ta' grupp interdipartimentali ta' uffiċjali għall-amministrazzjoni tad-dokumenti (GIDOC) biex tiġi żgurata implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida tal-amministrazzjoni tad-dokumenti.

L-Unità tat-Trasparenza bħalissa qiegħda telabora gwida għall-RADs dwar l-aspetti prattiċi tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, b'referenza għall-esperjenza u l-każistika ta' madwar l-aħħar għaxar snin.

Matul l-2012, bħala riżultat tad-deċiżjonijiet ta' hawn fuq, is-servizzi tal-Parlament li jittrattaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti żviluppaw kooperazzjoni produttiva: l-Unità tat-Trasparenza, il-CARDOC, is-CITES u d-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DĠ KOM).

## III. IR-REĠISTRU PUBBLIKU TAD-DOKUMENTI TAL-PARLAMENT

Il-verżjoni attwali tar-reġistru ilha teżisti mis-27 ta' Jannar 2011 meta ġie introdott prodott aktar ergonomiku b'faċilità għal tfittxija mtejba. Ir-reġistru fih dokumenti tal-Parlament mill-2001 sal-lum il-ġurnata.

### 1. Kontenut tar-reġistru - firxa ta' dokumenti disponibbli

Huwa ċar li l-volum tad-dokumenti li hemm fir-reġistru, kif jiġi rrapportat ta' kull sena, jikber b'mod parallel mal-ħidma tal-Parlament. Total ta' 90 % tad-dokumenti huma kompletament aċċessibbli għall-pubbliku b'mod dirett onlajn, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. Aċċess għad-dokumenti l-oħra kollha jista' jintalab permezz ta' formola onlajn għal talba.

Sal-31 ta' Diċembru 2012, id-database tar-reġistru kien fiha 463 689 referenza (li jikkorrispondu għal 3 097 165 dokument meta jitqiesu l-verżjonijiet lingwistiċi kollha). Dan jirrappreżenta żieda ta' 49 520 referenza fir-reġistru, jew tkabbir fil-volum ta' 12 %, meta mqabbla mal-2011.

Il-firxa ta' dokumenti disponibbli qiegħda tiżdied ukoll hekk kif ir-reġistru b'mod gradwali qed jinkorpora varjetà usa' ta' dokumenti relatati mal-proċess leġiżlattiv, b'mod parallel mat-tkabbir tal-kompetenzi tal-Parlament. Matul l-2012 ġew inkorporati żewġ tipi ġodda ta' dokumenti fir-reġistru: studji (subtitolu 2.3.1.1 tar-reġistru) u valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa mill-1994 sal-lum il-ġurnata, kif ukoll annessi ta' tweġibiet għal mistoqsijiet bil-miktub (subtitolu 1.3.4.5 tar-reġistru) minn Ġunju 2012.

[10] Id-Deċiżjoni tat-2 ta' Lulju 2012. L-Artikolu 9 tagħha jittratta "l-uffiċjali tal-amministrazzjoni tad-dokumenti", li skont l-ittra c) għandhom ikunu responsabbli b'mod partikolari biex jagħmlu disponibbli dokumenti li jkunu tfasslu jew ġew irċevuti fi ħdan il-qafas tal-oqsma ta' kompetenzi tad-Direttorat Ġenerali u li jintalbu mid-dipartiment responsabbli għall-aċċess pubbliku għad-dokumenti, u jakkumpanjaw id-dokumenti inkwistjoni b'opinjoni tal-azzjoni ta' segwitu li għandha tittieħed. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-Artikolu 9 tad-deċiżjoni tal-Bureau tat-22 ta' Ġunju 2011, li skont din "*meta jkun jeħtieġ jiġi identifikat jew misjub id-dokument mitlub... is-servizz jew organu awtur tad-dokument... għandu jissuġġerixxi x'azzjoni għandha tittieħed fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol*".

Fl-2012, sar xogħol ta' tħejjija għall-integrazzjoni ta' diversi tipi ġodda ta' dokumenti fir-reġistru matul l-ewwel nofs tal-2013. Tipoloġiji ġodda se jinkludu: dokumenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Kondotta tal-Membri, tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari lill-BĊE (dokumenti tal-kumitat ECON), spotlights statistiċi maħruġa mis-servizzi tal-Librerija tal-Parlament u l-istħarriġ tal-Ewrobarometru. Barra minn hekk, il-ġabra ta' skedi informattivi tal-Parlament ġiet aġġornata kompletament.

## 2. Dokumenti sensittivi

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistabbilixxi proċeduri speċifiċi ta' pproċessar għad-dokumenti "sensittivi"[11]. Skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, id-dokumenti sensittivi jistgħu jiġu reġistrati fir-reġistru bil-kunsens ta' mingħand min ġejjin biss.

L-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistipola li r-rapport ta' kull sena għandu jiddikjara n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru. Fl-2012 il-Parlament ma żamm l-ebda dokument sensittiv skont it-tifsira tal-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, u għalhekk ma ġie reġistrat l-ebda tali dokument fir-Reġistru Pubbliku tad-Dokumenti tal-Parlament.

Barra minn hekk, l-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni tal-Bureau dwar ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew, li ġiet adottata fis-6 ta' Ġunju 2011, u li ġie aġġornat mid-deċiżjoni tal-Bureau tal-15 ta' April 2013, jipprevedi li s-Segretarju Ġenerali għandu jressaq rapport annwali lill-Bureau dwar l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni ta' hawn fuq. Dan ir-rapport annwali għandu jinkludi n-numru u t-tipoloġija tad-dokumenti kunfidenzjali rċevuti u miżmuma mill-Parlament Ewropew.

## 3. L-użu tal-websajt tar-reġistru

### *3.1. Titjib tekniku tal-websajt tar-reġistru - attwali u futur*

Bħala parti mill-politika proattiva ta' trasparenza appoġġata mill-Ombudsman u mitluba mill-Parlament, il-websajt tar-reġistru hija soġġetta għal titjib kontinwu sabiex jiġi ffaċilitat aħjar l-aċċess dirett għad-dokumenti tal-Parlament.

F'Novembru 2012, il-websajt tar-reġistru ġiet modifikata ftit biex tkun konformi mal-mudell grafiku l-ġdid tal-websajt tal-Parlament. F'dan iż-żmien ġie introdott xi titjib, bħall-possibbiltà ta' kombinazzjoni ta' diversi kliem ewlieni fi tfittxija għal dokument.

L-għodod statistiċi użati għall-għadd taż-żjarat fil-websajt attwalment qed jiġu pperfezzjonati sabiex issir distinzjoni aħjar bejn iż-żjarat interni u dawk esterni, u żjarat minn magni awtomatiċi u persuni fiżiċi. Jekk in-numru ta' żjarat jibqa' jikber b'rata simili, se jkun aktar importanti li tiġi pprovduta informazzjoni aktar dettaljata dwar l-utenti, . Barra minn hekk, ikompli x-xogħol għat-titjib tal-ħin tat-tfittxija u l-effiċjenza tar-riżultati .

### *3.2. Numru ta' żjarat*

[11] "(…) dokumenti li ġejjin mill-istituzzjonijiet jew mill-aġenziji mwaqqfa minnhom, mill-Istati Membri, minn pajjiżi terzi jew minn Organizzazzjonijiet Internazzjonali, klassifikati bħala "TRÉS SECRET/TOP SECRET", "SECRET" jew "CONFIDENTIEL" skont ir-regoli tal-istituzzjoni rilevanti, li jħarsu l-interessi essenzjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti mill-Artikolu 4(1)(a), partikolarment is-sigurtà pubblika, kwistjonijiet militari u tad-difiża" (l-Artikolu 9(1)).

Il-websajt tar-reġistru rat tkabbir enormi fiż-żjarat matul is-sena li għaddiet[12]. Fl-2012, total ta' 166 105 żjarat ġew irreġistrati fil-websajt, li jammonta għal medja ta' madwar 13 842 żjara fix-xahar, jew żieda ta' 40 % meta mqabbel mal-2011[13].

Miż-żjarat totali, 87 293 kienu "żjarat uniċi"[14]. Fl-2012, tali żjarat uniċi varjaw bejn 7 000 u 8 000 persuna kull xahar, bl-ogħla numru jkun f'Marzu (9 042 żjara) u dawk l-aktar baxxi f'Lulju (5 395 żjara) u Awwissu (4 773 żjara).

Preċedentement, fl-2011, l-ogħla numru ġie rreġistrat f'Ottubru (7 845 żjara) u dak l-aktar baxx f'Mejju (3 319-il żjara). Huwa probabbli li tali varjazzjonijiet huma marbuta mal-aġenda leġiżlattiva tal-Parlament. Pereżempju, splużjoni fiż-żjarat f'Marzu 2012 tista' tkun marbuta mal-ftehim dwar ir-Reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), li ġie ttrattat mill-kumitat LIBE matul dan il-perjodu u wara mis-seduta plenarja tal-Parlament f'April[15].

### *3.3. Osservazzjonijiet oħra dwar iż-żjarat*

Fl-2012 l-istatistiki juru li l-maġġoranza tal-viżitaturi tar-reġistru kienu bbażati fil-pajjiżi li ġejjin: NL, BE, ES, DE, FR u IT (f'ordni numerika), segwiti mill-qrib minn viżitaturi bbażati fil-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti, ferm 'il quddiem mill-viżitaturi bbażati f'pajjiżi oħra tal-UE. Fl-2011, ix-xejra kienet ftit differenti, bl-aktar viżitaturi jkunu bbażati fi BE, DE u ES (f'ordni numerika), segwiti mill-Korea t'Isfel u mbagħad minn FR, IT u NL.

Ix-xejriet tat-tfittxija użati mill-viżitaturi tal-websajt fl-2012 huma simili għas-sena preċedenti: l-għodda ta' tfittxija avvanzata għandna vantaġġ nett (80 % tat-tfittxijiet kollha) fuq it-tfittxija skont it-tip ta' dokument (15 %) u t-tfittxija sempliċi - bl-użu ta' kelma ewlenija waħda (5 %). Għat-tfittixijiet avvanzati, 58 % użaw referenzi tad-dokumenti (jiġifieri numri PE), 20 % użaw dati u 18 % użaw kliem ewlieni fit-test sħiħ. Ħafna drabi wara t-tfittxija l-viżitaturi użaw il-funzjoni biex jorganizzaw ir-riżultati - permezz tal-għażliet fuq in-naħa tax-xellug tal-iskrin - skont il-lingwa (31 %), l-awtur (17 %) u l-awtorità (15 %).

Funzjoni popolari disponibbli fir-reġistru hija l-possibbiltà li wieħed jirreġistra f'lista ta' indirizzi għal tip partikolari ta' dokument, li jitqassam b'mod awtomatiku maż-żieda ta' tali dokumenti fir-reġistru. Fil-31 ta' Diċembru 2012, ir-reġistru kellu 1 677 persuna rreġistrata għal aġġornamenti ta' dokumenti, bil-maġġoranza jkunu bbażati 'l barra mill-istituzzjonijiet tal-UE (65 biss ta' dawk irreġistrati kienu jaħdmu fl-istituzzjonijiet tal-UE). In-numru totali ta' persuni rreġistrati tela' bi 17 % meta mqabbel mas-sena preċedenti[16]. It-titjib ta' din il-funzjoni għamilha possibbli li wieħed jirreġistra għal diversi tipi ta' dokumenti permezz ta' reġistrazzjoni waħda jew li ssir kombinazzjoni ta' diversi kriterji b'mod simultanju (pereżempju: tip ta' dokument + awtur + awtorità + lingwa).

### *3.4. Dokumenti kkonsultati*

In-numru totali ta' dokumenti kkonsultati fil-websajt tar-reġistru kiber b'40 % fl-2012, li jirrappreżenta 102 682 dokument, b'korrelazzjoni diretta mat-tkabbir fiż-żjarat fil-websajt.

[12] Definit mill-għodda statistika bħala "viżitatur ġdid li daħal jara/ifittex paġna li ma kienx konness matul l-aħħar 60 minuta".
[13] Peress li l-websajt il-ġdida tar-reġistru tlestiet fis-27/01/2011, l-istatistiki kollha rigward il-konsultazzjonijiet tal-2011 ikopru l-perjodu 1/02/11 - 31/12/11
[14] Definiti bħala "*numru ta' persuni fiżiċi differenti li daħlu fil-websajt*".
[15] Ġie vvutat fil-Kumitat LIBE fis-27 Marzu 2012.
[16] 1 437 persuna rreġistrata fi tmiem l-2011.

B'mod proporzjonat, id-dokumenti kkonsultati bl-akbar frekwenza kienu l-mistoqsijiet parlamentari (61 %), u f'livell simili għall-2011. Il-konsultazzjoni tar-rapporti parlamentari telgħet għal 12 % tad-dokumenti kollha kkonsultati, minn 7 % fis-sena preċedenti, u tibqa' t-tieni kategorija l-aktar popolari. Sadanittant il-konsultazzjoni tat-testi adottati waqgħet għal 4 % minn 7 % matul l-istess perjodu. Il-konsultazzjoni tal-minuti (il-plenarja, il-korpi tal-UE, il-kumitati parlamentari) baqgħet stabbli.

Il-mistoqsijiet parlamentari, li huma forma ta' superviżjoni parlamentari diretta tal-Kummissjoni u l-Kunsill, iqanqlu interess kbir fost l-utenti bħala sors importanti u rikk ta' informazzjoni. Huwa possibbli li jiġu kkonsultati mistoqsijiet u tweġibiet b'mod dirett, inklużi l-annessi għat-tweġibiet li qabel ma kinux disponibbli.

Fir-rigward tar-reġistrazzjonijiet, l-għaxar dokumenti l-aktar mitluba, skont il-popolarità kienu: testi adottati, tweġibiet għal mistoqsijiet bil-miktub, mistoqsijiet bil-miktub, aġendi, stqarrijiet għall-istampa, abbozzi ta' aġenda, dokumenti tal-Kummissjoni, dokumenti ta' ħidma, rapporti parlamentari u abbozzi ta' rapport.

Fir-rigward tal-informazzjoni ġenerali dwar il-proċeduri tal-aċċess għad-dokumenti, għandu jiġi nnotat li l-aktar żewġ dokumenti mniżżla mill-websajt tar-reġistru huma t-test tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 innifsu u l-gwida interistituzzjonali dwar l-aċċess għad-dokumenti[17]. Il-verżjonijiet lingwistiċi użati bl-akbar frekwenza għal dawn id-dokumenti ta' informazzjoni kienu EN, DE, FR, ES u IT (f'ordni numerika).

## IV. ANALIŻI TAT-TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI INDIRIZZATI LILL-PARLAMENT

Mal-ewwel daqqa t'għajn, matul dawn l-aħħar ftit snin it-talbiet għal dokumenti magħmula lill-Parlament naqsu b'mod konsiderevoli. Meta wieħed jeżamina dawn il-figuri aktar mill-qrib, matul dawn l-aħħar ftit snin, il-proporzjon ta' talbiet għal dokumenti pubbliċi qed jonqos, filwaqt li b'mod proporzjonali, dawk li jeħtieġu analiżi skont l-eċċezzjonijiet ipprovduti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 qed jiżdiedu jew jibqgħu xi ftit jew wisq kostanti, bħal fl-2012. Dan juri li t-titjib tekniku tar-reġistru qed jippermetti lill-viżitaturi jsibu b'mod dirett id-dokumenti aċċessibbli mingħajr ma jagħmlu talba għal aċċess – li hija l-intenzjoni aħħarija tar-reġistru pubbliku tad-dokumenti (ara l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar "reġistri").

### 1. Volum u evoluzzjoni tat-talbiet u t-tweġibiet

#### *1.1. Volum totali tat-talbiet*

Fl-2012 intalbu total ta' 777 dokument lill-Parlament, li jirrappreżenta tnaqqis konsiderevoli ta' 33 % meta mqabbel mas-snin preċedenti[18]. Dan it-tnaqqis għandu jitqies b'mod parallel ma' tliet fenomeni:

1. Fl-2012 ir-reġistru ra żieda ta' 40 % fil-konsultazzjonijiet. Forsi minħabba titjib u viżibbiltà aktar prominenti tar-reġistru fil-websajt tal-*Europarl*, kif ukoll il-viżibbiltà tal-websajt tal-*Europarl* innifisha, jidher li numru li qed jikber ta' viżitaturi qed jirnexxielhom isibu d-

[17] Kif ipprovdut fil-paġna ta' informazzjoni ġenerali tal-websajt tar-reġistru: http://www.europarl.europa.eu/RegData/PDF/Guide_EN.pdf
[18] Fl-2011 intalbu 1 161 dokument tal-Parlament.

dokumenti li huma aċċessibbli b'mod dirett. Għalhekk, qed jitressqu anqas talbiet lill-Parlament għal dokumenti li diġà huma aċċessibbli b'mod pubbliku.

2. Hemm tendenza li qed tiżdied ta' applikanti li jitolbu numru mhux speċifikat ta' dokumenti (jiġifieri "id-dokumenti kollha relatati ma'...", "il-korrispondenza kollha bejn..."). Fl-2012, aktar minn nofs (53.5 %) it-talbiet kollha għal aktar minn dokument wieħed ikkonċernaw numru mhux speċifikat ta' dokumenti, żieda mill-35.5 % fl-2011. F'dawn il-każijiet, l-għodod statistiċi disponibbli ma jirriflettux in-numru reali ta' dokumenti mitluba.

3. Bis-saħħa tal-kjarifiki pprovduti mid-Deċiżjoni tal-Bureau tal-2011 dwar regoli li jirregolaw l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament[19], fehim aktar ċar tar-rwoli tad-diversi servizzi fi ħdan l-amministrazzjoni ppermetta trattament aktar effiċjenti tal-applikazzjonijiet. Fl-2012, numru li qed jiżdied ta' każijiet ġew ittrattati mill-CARDOC, is-CITES jew id-DĠ KOM, bħala s-servizz responsabbli relatat għat-tip ta' informazzjoni mitluba.

Il-fenomeni ta' hawn fuq jikkontribwixxu għat-tnaqqis evidenti fid-dokumenti mitluba fl-2012 permezz tal-websajt tar-reġistru.

### *1.2. Volum totali tat-talbiet*

Total ta' 1 397 dokument intbagħtu mill-Unità tat-Trasparenza lill-applikanti fl-2012. Minn dawn, 624 intbagħtu bħala dokumenti supplimentari, bħala riżultat tal-kjarifiki pprovduti mill-applikanti li jressqu talbiet vagi. B'anqas dokumenti mitluba, huwa ċar li jista' jsir skambju aktar dettaljat ma' dawk l-applikanti li jfittxu oqsma vasti ta' attività parlamentari.

F'35 % tal-każijiet il-Parlament bagħat aktar minn dokument wieħed lill-applikant. B'mod partikolari, fi 33.7 % tal-każijiet fejn ġew ipprovduti dokumenti supplimentari, intbagħtu żewġ dokumenti u f'16.6 % tal-każijiet, intbagħtu tliet dokumenti, u tkompli hekk bin-numri dejjem jinżlu.

### *1.3. Talbiet għal dokumenti mhux żvelati preċedentement*

166 dokument mhux żvelati preċedentement intalbu skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, li jirrappreżentaw 21 % tan-numru totali tad-dokumenti mitluba fl-2012. Dan il-proporzjon huwa relattivament stabbli meta mqabbel mal-proporzjon ta' dokumenti mhux żvelati preċedentement fl-2011.

Fl-2012 ġew introdotti sitt applikazzjonijiet konfermatorji (skont l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001). Din iċ-ċifra żdiedet bi ftit meta mqabbla mas-snin preċedenti (4 fl-2011 u 5 fl-2010).

### *1.4. Suġġett tat-talbiet*

B'mod ġenerali, it-tipi ta' dokumenti l-aktar mitluba fl-2012 kienu (f'ordni numerika): testi mressqa (13 % tat-talbiet); testi adottati (12 %); dokument mhux speċifiku jew informazzjoni ġenerali (11.7 %); dokumenti tal-Bureau (6 %); dokumenti ta' komitoloġija (6 %); korrispondenza (5 %); rapport verbatim tad-diskussjonijiet (3.7 %); dokumenti amministrattivi (jiġifieri dwar l-infrastruttura u l-finanzi) (3.4 %); mistoqsijiet u tweġibiet parlamentari (3.2 %); petizzjonijiet (2.3 %) u dokumenti tal-MPE (2 %).

[19] Ara l-punt 1.2. ta' dan ir-rapport

Il-maġġoranza tat-talbiet għal dokumenti mhux żvelati preċedentement ikkonċernaw id-dokumenti amministrattivi interni. F'dan ir-rigward, it-talbiet għad-dokumenti tal-Bureau rrappreżentaw aktar min-nofs ta' tali talbiet. Essenzjalment id-dokumenti tal-Bureau mfittxa kkonċernaw noti mis-Segretarju Ġenerali dwar kwistjonijiet baġitarji jew il-finanzjament ta' partiti politiċi fil-livell Ewropew.

B'mod ġenerali, it-testi mressqa u t-testi adottati – għalkemm dokumenti pubbliċi – huma dawk l-aktar mitluba, iżda tali talbiet naqsu meta mqabbla mal-2011, hekk kif il-viżitaturi saru aktar familjari mal-websajt tar-reġistru.

It-talbiet għal dokumenti mhux speċifiċi jew informazzjoni ġenerali żdiedu b'mod konsiderevoli meta mqabbla mal-2011 (fejn kienu jirrappreżentaw 4.9 % tat-talbiet). Dan minħabba t-tendenza li qed tikber ta' applikanti li jagħmlu talbiet wiesgħa jew kompleti, bl-użu ta' formuli bħal: "id-dokumenti kollha li fihom il-kelma ....." jew "id-dokumenti kollha relatati ma' .....", eċċ.

It-talbiet għal korrispondenza naqsu b'mod konsiderevoli. It-talbiet għal mistoqsijiet parlamentari naqsu wkoll, iżda huma l-aktar dokumenti kkonsultati fil-websajt tar-reġistru.

Id-dokumenti tal-Membri qed jintalbu dejjem iżjed, iżda dawn it-talbiet mhumiex riflessi fl-istatistiki ġenerali peress li ħafna drabi ma jikkonċernawx dokumenti tal-Parlament imressqa b'mod uffiċjali[20]. Peress li l-proċeduri ta' komitoloġija qed jinbidlu b'mod gradwali mid-dispożizzjonijiet il-ġodda skont it-Trattat ta' Lisbona, it-talbiet għad-dokumenti ta' komitoloġija naqsu, speċjalment lejn tmiem l-2012.

## 2. Profil tal-applikanti u l-firxa ġeografika

### *2.1. Profil tal-applikanti*

Fir-rigward tal-analiżi tal-applikazzjonijiet għal dokumenti skont il-kategorija soċjoprofessjonali, it-talbiet miċ-ċrieki akademiċi (b'mod partikolari r-riċerka universitarja) jibqgħu l-akbar grupp (36 % tat-total), iżda naqsu b'mod konsiderevoli meta mqabbla mas-sena preċedenti (47 % fl-2011).

Proporzjon li qed jikber ta' applikanti jippreferu jagħżlu l-kaxxa "Oħrajn" fir-rigward tal-professjoni tagħhom, u b'hekk jipprovdu lill-Parlament b'anqas informazzjoni dwarhom. Din il-kategorija kibret biex tirrappreżenta 'l fuq minn kwart tal-applikanti, jew 27 %, żieda mit-23 % tas-sena preċedenti u 5 % biss fl-2010.

L-applikanti mis-soċjetà ċivili rrappreżentaw kważi 17 % tat-talbiet, jiġifieri żieda ta' 10 % fuq is-sena ta' qabel. Din il-kategorija tista' tinqasam kif ġej: 85 % mis-settur tan-negozju; 10 % mill-NGOs u 4 % mill-organizzazzjonijiet ambjentali. Il-proporzjon ta' talbiet mill-avukati (li ma jitqisux bħala soċjetà ċivili għal raġunijiet statistiċi) jibqa' xi ftit jew wisq stabbli fi 11 %.

Għall-applikanti li jitolbu dokumenti mhux żvelati preċedentement, l-akbar grupp għażel il-kaxxa "Oħrajn" fir-rigward tal-professjoni tagħhom, bit-tieni l-akbar grupp ikun dak tar-riċerkaturi. L-applikanti għad-dokumenti li mhumiex pubbliċi waqgħu fil-kategoriji: 29 %

[20] Ara l-Artikolu 104(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

oħrajn; 18 % riċerkaturi; 17 % NGOs, 11 % settur tan-negozju, 9 % mill-midja u 8 % avukati, bil-kumplament ikunu mill-amministrazzjoni pubblika jew mill-partiti politiċi.

### *2.2. Firxa ġeografika*

Fir-rigward tal-firxa ġeografika tal-applikazzjonijiet (l-Istati Membri tal-UE), ix-xejra għall-2012 hija simili ħafna għal dik tas-snin preċedenti. Kważi 24 % tal-applikazzjonijiet saru minn individwi jew organizzazzjonijiet ibbażati fil-Belġju, segwiti (f'ordni numerika) mill-Ġermanja (14.7 %), Franza (9.4 %), ir-Renju Unit (7.9 %), l-Italja (7.2 %), il-Pajjiżi l-Baxxi (6.9 %) u Spanja (6.7 %). L-applikazzjonijiet minn pajjiżi terzi ammontaw għal madwar 8 % tat-total, żieda żgħira mill-2011.

Matul l-aħħar erba' snin (ara t-tabella 6 fl-Anness) it-talbiet mill-Belġju żdiedu biex jirrappreżentaw kważi kwart mit-talbiet kollha, filwaqt li t-talbiet mill-Ġermanja naqsu minn 20 % għal 15 %. It-talbiet mir-Renju Unit, Franza u Spanja baqgħu xi ftit jew wisq kostanti matul il-perjodu ta' erba' snin, filwaqt li t-talbiet mill-Italja u l-Pajjiżi l-Baxxi żdiedu b'mod progressiv.

Il-lingwa użata bl-akbar frekwenza għall-applikazzjonijiet kienet l-Ingliż (52.5 %), li qed jiżdied meta mqabbel mas-snin ta' qabel, segwit mill-Ġermaniż (13 %), li wkoll qed iżdied, il-Franċiż (12 %) li naqas bi ftit u l-Ispanjol (7 %). Dan isaħħaħ it-tendenza osservata matul l-aħħar snin li l-importanza tal-Ingliż bħala l-lingwa tal-komunikazzjoni qiegħda tikber.

## 3. Applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess

### *3.1. Rata ta' tweġibiet pożittivi*

Ir-rata ta' tweġibiet pożittivi lill-166 talba għal aċċess għad-dokumenti tal-Parlament mhux żvelati preċedentement kienet ta' 95 % (inħarġu 158 dokument mhux pubbliku) jew 87 % meta jitqies l-aċċess parzjali mogħti lil 14-il każ. Dan huwa simili għall-95 % u t-88.5 % rispettivament fl-2011.

Kif imsemmi, is-sitt applikazzjonijiet konfermatorji[21] ġew introdotti wara rifjut inizjali tal-Parlament li jagħti aċċess. Fil-każijiet kollha, il-pożizzjoni inizjali tal-Parlament ġiet ikkonfermata: ingħata aċċess parzjali għal tliet applikazzjoni u ġie applikat rifjut totali għat-tliet każijiet l-oħra. Id-dokumenti li għalihom ingħata aċċess parzjali kkonċernaw ir-rapport annwali ta' awditjar intern, id-dokumenti tas-servizz legali u l-listi tal-assistenti tal-ex-Membri tal-Parlament. L-aċċess totali ġie rrifjutat għad-dokumenti li fihom dejta personali jew fejn kellha tiġi aċċertata ħtieġa għall-protezzjoni tal-privatezza u l-integrità ta' individwu wieħed jew aktar.

### *3.2. Rifjuti u raġunijiet għalihom*

Fl-2012, kien hemm 22 tweġiba negattiva abbażi tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, 14 minnhom involvew rifjut parzjali.

Ir-raġuni għal rifjut ħafna drabi kienet (31 %) l-eċċezzjoni dwar il-ħarsien tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001). Din l-

[21] Aħna nqisu f'din iċ-ċifra d-data tal-applikazzjoni inizjali, anke jekk l-applikazzjoni konfermatorja nnifisha ġiet introdotta fl-2013.

eċċezzjoni ġiet invokata f'każijiet li jikkonċernaw dejta personali bħas-sħubija tal-Membri mal-iskema ta' pensjoni komplimentarja, listi ta' assistenti ta' ex-Membri, firem bl-id ta' Membri jew fajls tal-persunal tal-Parlament (bin-notazzjonijiet). F'każijiet fejn l-applikant ifittex aċċess għal dejta personali, il-Parlament, f'konformità mal-każistika stabbilita[22], jistieden lill-applikant jipprovdi raġuni għall-ħtieġa ta' tali trasferiment ta' informazzjoni. Fl-aħħar, ma ġiet stabbilita l-ebda tali ħtieġa f'xi wieħed mill-każijiet ta' hawn fuq.

Flimkien, il-ħarsien tal-interessi kummerċjali, il-parir legali u l-iskop ta' awditjar (l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) ammontaw għal madwar 30 % tar-rifjuti. Il-ħarsien tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-istituzzjoni (l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) irrappreżenta 21 % tar-rifjuti; filwaqt li s-salvagwardja tal-interessi pubbliċi fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali jew is-sigurtà pubblika (l-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001) ammontat għal 15 % tar-rifjuti. B'mod partikolari, darba waħda ġie invokat l-Artikolu 4(1)(a) fir-rigward tas-sigurtà pubblika fil-qasam tal-IT, fejn saret talba minn żviluppatur tal-IT għal aċċess għall-kodiċi sors u d-dokumentazzjoni għall-iżviluppaturi kollha tas-softwer AT4AM tal-Parlament li jintuża biex jitressqu emendi dwar rapporti leġiżlattivi. Din l-eċċezzjoni ġiet invokata wkoll fir-rigward ta' talba għal studju estern dwar il-modernizzazzjoni tas-sistema ta' informazzjoni finanzjarja tal-Parlament.

Barra minn hekk, xi dokumenti ta' komitoloġija ġew irrifjutati fl-ewwel nofs tal-2012 fuq bażi temporanja, sal-adozzjoni tat-test rilevanti fil-kumitat.

## V. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN EWROPEW, APPELLI LEGALI U KAŻISTIKA

Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jipprovdi proċedura ċara[23] liċ-ċittadini biex jappellaw kontra deċiżjonijiet mill-istituzzjonijiet tal-UE li jirrifjutaw aċċess għal dokumenti. Filwaqt li sal-lum il-Parlament ra biss tliet każijiet bħal dawn li spiċċaw quddiem il-Qorti Ġenerali dwar id-deċiżjonijiet tiegħu, jeżisti ammont konsiderevoli ta' ġurisprudenza fir-rigward tar-regolament li jista' jkun ta' assistenza f'termini ta' interpretazzjoni tat-tifsira tiegħu. Ċittadin, li ġie rrifjutat aċċess għal dokument wara talba konfermatorja, jew tieni talba, jista' jilmenta lill-Ombudsman Ewropew, jew jappella lill-Qorti Ġenerali.

### 1. Ilmenti ppreżentati lill-Ombudsman Ewropew

Matul l-2012, każ bid-data tal-2010 (900/2010/MF) ingħalaq mill-Ombudsman b'rimarka kritika lill-Parlament dwar id-dokumenti amministrattivi interni mitluba minn uffiċjal.

Fl-2012, il-Parlament ippreżenta osservazzjonijiet relatati ma' lment imressaq fl-2011 lill-Ombudsman (2393/2011/RA) dwar ir-rifjut tal-Parlament li jiżvela dokumenti li għandu fil-pussess tiegħu, u li bħalissa qed jistenna deċiżjoni mill-Ombudsman. L-ilment ġie ppreżentat wara rifjut tal-Parlament li jagħti aċċess għal dokumenti dwar negozjati dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (ACTA) (ara r-rapport 2011 tal-Parlament dwar l-aċċess għad-dokumenti). L-ilmentatur jallega li l-Parlament naqas milli jressaq ġustifikazzjonijiet validi skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 talli naqas milli jipprovdi aċċess għad-dokumenti inkwistjoni.

[22] L-aktar sentenza riċenti tal-Qorti tkun dik tat-23 ta' Novembru 2001 fil-Każ T-82/09, Dennekamp vs Il-Parlament.
[23] L-Artikolu 8(3).

Barra minn hekk, fl-2012 tressaq ilment ġdid lill-Ombudsman (0262/2012/OV) dwar il-firxa ta' dokumenti pprovduti fir-reġistru tal-Parlament. L-ilmentatur jallega li l-Parlament jonqos milli jirreġistra d-dokumenti eżistenti kollha tal-Parlament. Il-Parlament ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu lill-Ombudsman u qed jistenna deċiżjoni.

## 2. Analiżi ġuridika

### *2.1. Sentenzi rigward il-Parlament*

Matul il-perjodu ta' referenza, inħarġet **sentenza tal-Qorti** dwar id-deċiżjoni tal-Parlament dwar aċċess għal dokumenti[24]. Dan il-każ annulla b'mod parzjali d-deċiżjoni tal-Parlament li jirrifjuta aċċess pubbliku għar-reġistri tal-assistenti ta' ex-Membri. L-ilmentaturi talbu aċċess għar-"*reġistri u l-listi kollha*" dwar ir-"*reġistri pubbliċi tal-assistenti ta' ex-Membri tal-Parlament Ewropew*". Il-Parlament dejjem interpreta din it-talba bħala waħda esklussiva relatata ma' dokumenti dwar kull ex-assistent assoċjat ma' Membri partikolari. Wara s-sentenza, il-Parlament ħa deċiżjoni ġdida bil-għan li jimplimenta l-parti operattiva tas-sentenza. L-applikanti għalhekk ġew ipprovduti b'informazzjoni aktar preċiża dwar il-kontenut tar-reġistri u, meta tqiesu kunsiderazzjonijiet partikolari tad-dejta personali, ġew offruti l-opportunità li jikkonsultaw dawn ir-reġistri *in situ*. Din l-offerta madankollu ma tteħditx u ma ġie mitlub l-ebda segwitu mill-applikant.

### *2.2. Sentenzi rigward istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni Ewropea*

Inħarġu ħdax-il sentenza dwar l-aċċess għal dokumenti matul il-perjodu ta' referenza (l-ordnijiet u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ma jissemmewx) fir-rigward tal-istituzzjonijiet l-oħra:

*Il-Kummissjoni Ewropea:*

- Sentenza tal-14 ta' Frar 2012 fil-**Każ T-59/09**, *Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja vs Il-Kummissjoni Ewropea*, dwar dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru,
- Sentenza tat-22 ta' Mejju 2012 fil-**Każ T-300/10**, *Internationaler Hilfsfonds eV vs Il-Kummissjoni Ewropea*, dwar eċċezzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ħajja privata u l-integrità tal-individwu u l-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali,
- Sentenza tat-22 ta' Mejju 2012 fil-**Każ T-344/08**, *EnBW Energie Baden-Württemberg AG vs Il-Kummissjoni Ewropea*, dwar l-eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz u l-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali,
- Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012 fil-**Każ C-135/11**, *IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds gGmbH vs Il-Kummissjoni Ewropea*, dwar dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru,
- Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 fil-**Każ C-404/10 P**, *Éditions Odile Jacob SAS vs Il-Kummissjoni Ewropea*, dwar proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżi, u l-eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-għanijiet ta' attivitajiet ta' investigazzjoni, ta' interessi kummerċjali, ta' parir legali u tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjonijiet,

[24] Is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2012 fil-Każ T-190/10, *Kathleen Egan u Margaret Hackett vs Il-Parlament Ewropew.*

- Sentenza tat-28 ta' Ġunju 2012 fil-**Każ C-477/10 P**, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Agrofert Holding*, dwar proċedura ta' kontroll ta' konċentrazzjoni bejn impriżi u l-eċċezzjonijiet relatati mal-protezzjoni tal-għanijiet tal-attivitajiet ta' investigazzjoni, tal-interessi kummerċjali, tal-pariri legali u tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjonijiet,
- Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2012 fil-Każijiet konġunti **T-197/11 P u T-198/11 P**, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Guido Strack*, dwar is-servizz pubbliku u l-uffiċjali pubbliċi, ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili.

*Il-Kunsill Ewropew:*

- Sentenza tal-4 ta' Mejju 2012 fil-**Każ T-529/09**, *Sophie ni 't Veld vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, dwar il-protezzjoni tal-interess pubbliku fil-qasam tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-eċċezzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-pariri legali,
- Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012 fil-**Każ T-465/09**, *Ivan Jurasinovic vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, dwar il-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali,
- Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2012 fil-**Każ T-63/10**, *Ivan Jurasinovic vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, dwar il-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-protezzjoni tal-proċedimenti legali u l-parir legali.

*Il-Bank Ċentrali Ewropew:*

- Sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 fil-**Każ T-590/10**, *Gabi Thesing et Bloomberg Finance LP vs Il-Bank Ċentrali Ewropew (Il-BĊE),* dwar l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-politika ekonomika tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

Informazzjoni aktar iddettaljata dwar id-diversi azzjonijiet u sentenzi jistgħu jinstabu fir-rapporti annwali tal-Kummissjoni[25] u l-Kunsill[26], kif ukoll fil-websajt tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea[27].

## VI. KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI

Fl-2012, is-servizzi amministrattivi responsabbli għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fit-tliet Istituzzjonijiet ikkooperaw b'mod regolari dwar kwistjonijiet legali u ta' amministrazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-regolament.

Matul is-sena saru diversi laqgħat konsultattivi dwar l-interpretazzjonijiet possibbli tal-każistika f'dan il-qasam, u huwa previst li tali laqgħat ikomplu b'intervalli regolari. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jistipola li "*l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw prattiċi amministrattivi tajbin sabiex jiffaċilitaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-aċċess garantit minn dan ir-Regolament*".

Il-kumitat interistituzzjonali previst fit-tieni paragrafu ta' dak l-Artikolu ma ltaqax fil-livell politiku fl-2012.

---

[25] http://ec.europa.eu/transparency/access_documents/reports_en.htm
[26] http://www.consilium.europa.eu/documents/policy-regarding-access-to-council-documents/basic-texts-on-transparency?lang=mt
[27] http://curia.europa.eu/jcms/jcms/Jo1_6308/

# STATISTIKI DWAR TALBIET GĦAL AĊĊESS GĦAD-DOKUMENTI U DWAR KONSULTAZZJONI TAL-WEBSAJT (SITWAZZJONI SKONT IL-31/12/2012)

## 1. NUMRU TOTALI TA' DOKUMENTI MITLUBA PERMEZZ TAL-WEBSAJT TAR-REĠISTRU

| 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 1300 | 1260 | 1139 | 1161 | 777 |

## 2. NUMRU TA' TALBIET (APPLIKAZZJONIJIET INIZJALI) GĦAL DOKUMENTI MHUX ŻVELATI PREĊEDENTEMENT

| 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 237 | 273 | 268 | 289 | 166 |

## 3. NUMRU TA' APPLIKAZZJONIJIET KONFERMATORJI

| 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 13[28] | 3 | 5 | 4[29] | 6 |

## 4. ILMENTI LILL-OMBUDSMAN

| 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 0 | 1 | 1 | 1 |

[28] F'5 każijiet, id-deċiżjoni inizjali nbidlet (4 aċċess parzjali, 1 aċċess totali)
[29] F'każ wieħed, id-deċiżjoni inizjali nbidlet (ingħata aċċess totali)

## 5. LINGWA UŻATA MILL-APPLIKANT

| LINGWA | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **BG** | 0.48 % | 1.93 % | 1.08 % | 0.89 % |
| **ES** | **7.38 %** | **6.59 %** | **8.46 %** | **7.09 %** |
| **CS** | 0.40 % | 0.81 % | 0.31 % | 0.53 % |
| **DA** | 0.48 % | 0.61 % | 0.77 % | 1.42 % |
| **DE** | **20.95 %** | **10.74 %** | **9.54 %** | **13.30 %** |
| **ET** | - | 0.10 % | - | - |
| **EL** | 0.56 % | 0.20 % | 0.46 % | 0.89 % |
| **EN** | **37.06 %** | **45.69 %** | **48.77 %** | **52.48 %** |
| **FR** | **18.89 %** | **23.81 %** | **14.00 %** | **12.23 %** |
| **IT** | 4.60 % | 3.44 % | 5.38 % | 5.50 % |
| **LV** | - | 0.10 % | - | 0.18 % |
| **LT** | 0.08 % | 0.10 % | 0.31 % | 0.35 % |
| **HU** | 0.40 % | 0.81 % | 0.62 % | 0.71 % |
| **MT** | - | - | - | - |
| **NL** | 3.25 % | 2.63 % | 3.08 % | 1.95 % |
| **PL** | 1.35 % | 0.71 % | 3.54 % | 1.42 % |
| **PT** | 1.11 % | 0.71 % | 1.23 % | 0.35 % |
| **RO** | 0.95 % | 0.41 % | 1.54 % | 0.18 % |
| **SK** | 0.56 % | - | 0.15 % | 0.18 % |
| **SL** | - | - | 0.15 % | - |
| **FI** | 0.24 % | 0.10 % | 0.15 % | - |
| **SV** | 1.27 % | 0.51 % | 0.46 % | 0.35 % |
| **OĦRAJN** | - | - | - | 0.89 % |

## 6. FIRXA ĠEOGRAFIKA TAL-APPLIKANT

| Pajjiż | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| **IL-BELĠJU** | **15.16 %** | **20.57 %** | **19.08 %** | **23.40 %** |
| **IL-BULGARIJA** | 0.56 % | 2.03 % | 1.23 % | 1.06 % |
| **IR-REPUBBLIKA ĊEKA** | 0.63 % | 1.42 % | 1.08 % | 0.53 % |
| **ID-DANIMARKA** | 0.95 % | 1.62 % | 1.38 % | 2.48 % |
| **IL-ĠERMANJA** | **20.40 %** | **12.46 %** | **11.69 %** | **14.72 %** |
| **L-ESTONJA** | 0.16 % | 0.10 % | 0.31 % | - |
| **IL-GREĊJA** | 0.48 % | 1.01 % | 0.46 % | 1.24 % |
| **SPANJA** | **7.14 %** | **4.46 %** | **9.85 %** | **6.74 %** |
| **FRANZA** | **11.51 %** | **14.08 %** | **8.46 %** | **9.04 %** |
| **L-IRLANDA** | 1.27 % | 1.32 % | 1.08 % | 1.**60** % |
| **L-ITALJA** | **5.32 %** | **4.86 %** | **7.38 %** | **7.27 %** |
| **ĊIPRU** | 0.16 % | 0.10 % | - | - |
| **IL-LATVJA** | 0.16 % | - | 0.15 % | 0.18 % |
| **IL-LITWANJA** | 0.16 % | 0.20 % | 0.31 % | 0.35 % |
| **IL-LUSSEMBURGU** | 4.44 % | 5.67 % | 0.92 % | 1.24 % |
| **L-UNGERIJA** | 0.56 % | 0.91 % | 0.92 % | 1.06 % |
| **MALTA** | 0.32 % | 0.30 % | - | - |
| **IL-PAJJIŻI L-BAXXI** | **3.41 %** | **4.96 %** | **5.54 %** | **6.91 %** |
| **L-AWSTRIJA** | 1.59 % | 1.62 % | 1.69 % | 1.42 % |
| **IL-POLONJA** | 1.83 % | 1.01 % | 3.38 % | 0.35 % |
| **IL-PORTUGALL** | 0.87 % | 0.51 % | 1.23 % | 0.35 % |
| **IR-RUMANIJA** | 1.27 % | 0.71 % | 1.54 % | - |
| **IS-SLOVENJA** | 0.08 % | - | 0.15 % | - |
| **IS-SLOVAKKJA** | 0.56 % | 0.10 % | 0.31 % | 0.35 % |
| **IL-FINLANDJA** | 0.24 % | 0.20 % | 0.62 % | 0.53 % |
| **L-ISVEZJA** | 1.75 % | 1.93 % | 1.38 % | 1.06 % |
| **IR-RENJU UNIT** | **8.73 %** | **6.48 %** | **12.15 %** | **7.98 %** |
| **IL-PAJJIŻI KANDIDATI** | 0.32 % | 0.30 % | 0.92 % | 0.18 % |
| **IL-PAJJIŻI TERZI** | **9.92 %** | **10.94 %** | **6.77 %** | **7.80 %** |
| **MHUX SPEĊIFIKAT** | 0.08 % | 0.10 % | - | - |

## 7. PROFIL PROFESSJONALI TAL-APPLIKANTI

| **Profil Professjonali** | **2009** | **2010** | **2011** | **2012** |
|---|---|---|---|---|
| **SOĊJETÀ ĊIVILI**<br>**(Gruppi ta' interess, Industrija, NGOs, eċċ.)** | **21.75 %** | **20.47 %** | **10.36 %** | **16.95 %** |
| **ĠURNALISTI** | 3.35 % | 7.12 % | 5.84 % | 3.00 % |
| **AVUKATI** | 13.11 % | **15.93 %** | 9.60 % | 11.16 % |
| **DINJA AKKADEMIKA**<br>**Riċerka tal-Università** | **41.36 %** | **38.47 %** | **45.39 %** | **33.48 %** |
| **DINJA AKKADEMIKA**<br>**Librerij** | 1.42 % | 2.33 % | 1.69 % | 2.36 % |
| **AWTORITAJIET PUBBLIĊI**<br>**(oħrajn li mhumiex istituzzjonijiet tal-UE)** | **13.62 %** | 8.81 % | 1.13 % | 6.44 % |
| **MPE, ASSISTENT TA' MPE** | 1.52 % | 1.55 % | 2.07 % | - |
| **OĦRAJN**<br>**(Pensjonanti, persuni qiegħda, eċċ.)** | 3.86 % | 5.31 % | **23.16 %** | **26.61 %** |

## 8. RIFJUT SKONT L-ARTIKOLU 4 TAR-REGOLAMENT 1049/2001

| Rifjut | 2009[30] | 2010[31] | 2011[32] | 2012[33] |
|---|---|---|---|---|
| **L-ARTIKOLU 4(1)(a) IL-ĦARSIEN TAL-INTERESS PUBBLIKU**<br><br>**(relazzjonijiet internazzjonali u raġunijiet ta' sigurtà)** | 5.26 % | **12.5 %** | **25.4 %** | **15.8 %** |
| **L-ARTIKOLU 4(1)(b) IL-ĦARSIEN TAL-PRIVATEZZA U L-INTEGRITÀ TAL-INDIVIDWU** | **26.31 %** | 25 % | **16.3 %** | **31.6 %** |
| **L-ARTIKOLU 4(2) l-ewwel inċiż IL-ĦARSIEN TA' INTERESSI KUMMERĊJALI** | 2.63 % | 8.3 % | 3.6 % | 10.5 % |
| **L-ARTIKOLU 4(2) it-tieni inċiż**<br><br>**IL-ĦARSIEN TA' PROĊEDIMENTI FIL-QRATI U PARIRI LEGALI** | 10.52 % | **12.5 %** | 14.5 % | 10.5 % |
| **L-ARTIKOLU 4(2) it-tielet inċiż IL-ĦARSIEN TA' SPEZZJONIJIET TA' AWDITJAR** | **15.78 %** | 4.0 % | 5.4 % | 10.5 % |
| **L-ARTIKOLU 4(3) IL-ĦARSIEN TAL-PROĊESS TAT-TEĦID TA' DEĊIŻJONIJIET TAL-ISTITUZZJONIJIET** | **39.47 %** | **37.5 %** | **34.5 %** | **21 %** |

[30] 2009: 39 rifjut totali (li 6 minnhom ingħataw aċċess parzjali)
[31] 2010: 24 rifjut totali (li 8 minnhom ingħataw aċċess parzjali)
[32] 2011: 33 rifjut totali (li 19 minnhom ingħataw aċċess parzjali)
[33] 2012: 22 rifjut totali (li 14 minnhom ingħataw aċċess parzjali)

## 9. KONSULTAZZJONI TAR-REĠISTRU

### A. Dokumenti elenkati fir-reġistru

| **Total ta' Dokumenti** | **Dokumenti** (referenzi tad-dokumenti tal-PE) | **Fajls** (il-verżjonijiet lingwistiċi kollha) | **Tkabbir** (numru ta' dokumenti) |
|---|---|---|---|
| **DIĊEMBRU 2008** | 262 000 | 1 682 774 | - |
| **DIĊEMBRU 2009** | 310 760 | 1 998 330 | 18.6 % |
| **DIĊEMBRU 2010** | **362 217** | **2 386 485** | **16.6 %** |
| **DIĊEMBRU 2011** | **414 169** | **2 825 361** | **14.3 %** |
| **DIĊEMBRU 2012** | **463 689** | **3 097 165** | **12 %** |

### B. Konsultazzjoni tal-websajt tar-reġistru

| **ŻJARAT** | **TOTAL TA' ŻJARAT** | **ŻJARAT KULL XAHAR** | **TKABBIR** |
|---|---|---|---|
| **2010** | **127 548** | **10 629** | **-** |
| **2011**[34] | **110 274** | **9 870** | **- 7 %** |
| **2012** | **166 104** | **13 842** | **+ 40 %** |

[34] Peress li l-websajt il-ġdida tar-reġistru tlestiet fis-27/01/2011, l-istatistiki kollha rigward il-konsultazzjonijiet tal-2011 ikopru l-perjodu 1/02/11 - 31/12/11